MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 278/2002/1

**Integrated Electronics Limited**

**Vs**

**Goldkraft Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas, f'terminu qasir u perentorju li dina l-Qorti joghgobha tiffissa, l-ammont dovut ta' elfejn, mija u erbghin Lira Maltin (Lm2140) dovuti bhala hlas akkont tal-prezz skond tmien kambjali kopja taghhom annessa mal-avviz, dovuti lis-socjeta' attrici ghall-merce konsistenti f'photocopier mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-kopji tal-kambjalijiet imsemmijin fl-avviz (fol 2 sa fol 4 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 11 tal-atti) u li biha eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-istess talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-atturi billi l-"photocopier" meritu tal-kawza odjerna, mibjugha u kkonsenajta lill-eccipjenti, ma kienetx tal-kwalita' pattwita, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 14 kif ukoll ir-rispettivi noti a fol 15 u a fol 17 rispettivament.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher kemm mill-avviz in esami kemm minn nota tal-eccezzjonijiet ta-socjeta' konvenuta kemm minn nota tal-osservazzjonijiet sottomessa mill-istess socjeta' konvenuta, qed jigi sostnut minn din is-socjeta "illi din mhix "actio cambraria" izda wahda ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu vis-à-vis prezz ta "photocopier" mibjugh u konsenjat mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta. Difatti jidher mill-istess avviz li s-socjeta attrici qed tghid li l-ammont specifikat fl-istess kambalijiet esebiti, hu dovut, bhala bilanc ta' prezz tal-oggett hawn fuq imsemmi. Dwar dan il-punt il-Qorti tara li, fis-sustanza, din li "actio cambraria" basata kif hi fuq il-kambjalijiet annessi, in fotokopja, mal-istess avviz, in konnessjoni ma' bilanc ta' prezz ghandha tigi kunsiderata bhala superfluwa. Bhala konsegwenza ta' dan, din l-azzjoni trid tigi regolata b'dak stipulat fil-Kodici tal-Kummerc in rigward kambjalijiet u strumenti kreditizji ohrajn.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-eccezzjoni unika sollevata mis-socjeta' konvenuta, jistghu jkunu applikabbli ghal dan il-kaz l-artikoli 197 u 198 tal-istess Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-artikolu 197 jirreferi specifikatament ghal "garanti" ossija "endorser". F'dan il-kaz ma irrisultax li, effettivament, il-kambjalijiet in esami gew girati. Ghalhekk dan l-artikolu ma jistax jigi applikat.

Illi l-artikolu 198 jispecifika li eccezzjonijiet pesonali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux jdewmu l-hlas ta' kambjali hlief meta l-istess eccezzjonijiet jkunu likwidi u jistghu jigu decisi malajr, f'kawza li tkun ghaddejja. Difatti jekk l-istess eccezzjijnijiet jehtieg esami fit-tul l-istess esami ghandu jsir f'kawza ghaliha u separata. Certament l-eccezzjoni in esami ma hiex wahda likwida u tehtieg esami pjuttost fit-tul trattasi ta' wahda li tinvolvi "l-kwalita pattwita" a basi tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili.

Illi ghandu jigi sottolineat li "actio cambraria" ghandhom jigu ammessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' fil-forma tal-istess kambjala meta jkun qed jinghad li din ghandha nieqes element essenjali kostituttiv jew li jinvolvi falsifikazzjoni jew frodi.

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni mal-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, di gja saret referenza ghall-artikoli 1390 tal-Kodici Civili. Kif jidher evidenti mill-istess artikolu ghandu jinghad "obiter" li l-punt sollevat jista' jigi intavolat biss "per azione" jew bl-apposita kontro talba, u mhux "per eccezione".

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess, l-unika eccezzjoni sollevata mill-istess socjeta konvenuta ghandha tigi respinta.

Illi, in vista li ma gietx proposta xi eccezzjoni ohra, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-istess socjeta' konvenuta, tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex, fi zmien xahrejn millum stess, thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2140.00,0 bl-imghax legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes. B'riserva "si et quatenus" ghal kull dritt skond il-ligi spettanti lis-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------